# QORTI KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Att ta' Akkuza 36/96**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Grech**
**u Bernardette Spiteri**

Illum it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2002

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 36 tal-1996;

Semghet il-verdetti tal-gurati moghtija llum li permezz taghhom b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lil Joseph Grech mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza, u bl-istess numru ta' voti sabuh mhux hati skond ir-raba' kap ta' l-istess Att; u, fir-rigward ta' Bernardette Spiteri, il-gurati, b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra, sabuha hatja taht l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza izda biss ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna b'dan li hija kienet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna taghha, u b'dan ukoll li r-reat sar meta l-istess Spiteri kienet ufficjal tal-Pulizija; u unanimament sabu lill-istess Spiteri mhux hatja skond it-tieni, it-tielet u r-raba' kapi tal-Att ta' Akkuza;

Tiddikjara lil Joseph Grech mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta' Akkuza 36/1996 u, wara li rat l-Artikolu 487 tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmi Joseph Grech, kemm-il darba ma jinsabx detenut ghal ragunijiet ohra, jigi liberat;

Tiddikjara lill-Bernardette Spiteri mhux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' kapi tal-Att ta' Akkuza; izda tiddikjaraha hatja taht l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza izda biss ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna b'dan li hija kienet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna taghha, u b'dan ukoll li r-reat sar meta Spiteri kienet ufficjal tal-Pulizija;

Semghet lill-Avukat Dott. Emanuel Mallia ghall-hatja Spiteri u lill-Assistant Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz; rat l-Artikoli 141, 216, 230(c), 232(a) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmija Bernardette Spiteri ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija; kif ukoll tikkundannaha thallas lir-Registratur fi zmien gimgha mill-lum is-somma ta' mija u disa' liri u hamsa w sebghin centezmu (Lm109.75c), spejjez peritali inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-perit Joseph Bongailas fil-kors ta' l-istruttorja;

U, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmija piena ta' sentejn prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' snin mill-lum, l-istess Bernardette Spiteri tikkommeti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

Il-Qorti tiddikjara li hija spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita` taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija; il-Qorti finalment tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kodioci Kriminali.